# Bejn it-tbissima tal-Bambina u l-*iStabat Mater*

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-Ktieb tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura tas-sena l-oħra ktibtilkom artiklu fuq xi xogħlijiet Marjana tal-kompożitur prolifiku Malti, Mro Carmelo Pace (1906-93), fl-okkażjoni tal-25 sena minn mewtu. Fost dax-xogħlijiet insibu l-Oratorjo 'Stabat Mater' tal-1982, iddedikat lill-Madonna tal-Ward li dehret lil Rosa Quattrini-Buzzini (1909-1981), f'San Damiano, l-Italja, fl-1964. B'kuntrast, fl-istess artiklu ta' dis-sena se nlaqqagħkom ukoll ma' waħda mill-kanzunetti Marjani l-aktar riċenti, 'It-Tbissima tal-Bambina', versi u mużika ta' Alfred C. Sant. Nieħu dil-okkażjoni biex nifraħ lill-Għaqda Mużikali 'Marija Assunta' A.D. 1919 li dis-sena qiegħda tiċċelebra anniversarju doppju: il-100 sena mit-twaqqif tagħha u l-75 sena bħala Banda.

Kliem muftieħ: Gudja, Marija Assunta, Madonna tal-Ward, Stabat Mater, Alfred C. Sant, Mro Carmelo Pace, Għaqda Mużikali Marija Assunta (Gudja), University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda.


Alfred C. Sant, l-għannej ta' 'It-tbissima tal-Bambina'

**It-Tbissima tal-Bambina**: Dil-kanzunetta l-ġdida b'tema reliġjuża 'It-Tbissima tal-Bambina' hi pinna ta' Alfred C. Sant, magħruf sew fix-xena lokali bħala liriċist u kompożitur. Sant ilu jikteb il-kanzunetti sa mis-70ijiet tas-seklu l-ieħor, b'ħafna minnhom jagħmlulu suċċess kbir, kemm f'Malta, kif ukoll barra minn xtutna. Fosthom insemmu: 'Qalb ta' Kampanjol', 'Waħda Għalik u l-Oħra Għalija', 'Għadna Żgħar', 'Marija' u l-famuża 'L-Għannej', kantata minn Tony Camilleri waqt il-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija tal-1984. Tiegħu wkoll hi l-kanzunetta 'L-Aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel' tal-1976, immużikata minn Paul Abela, u oriġinarjament kantata minn Sammy Bartolo (1947-97), flimkien mal-grupp New Cuorey. Did-diska kienet sabet ruħha wkoll fir-repertorju ta' Claudio Baglioni meta fl-2007 kantaha f'ilsienna waqt kunċert f'Malta.

Ħafna kienu l-kantanti Maltin li interpretaw kanzunetti tiegħu waqt festivals inter/nazzjonali, fosthom iċ-ċkejken kantant Stafan Galea mill-Mosta b''Il-Merill Tweet Tweet', fuq versi bit-Taljan ta'Alberto Testa, f'Zecchino D'Oro tal-1982. Għal ħafna snin twal ukoll, Sant ħadem id f'id ma' Ray Agius, kompożitur u arranġatur; liema kollaborazzjoni rebbħithom kemm-il trofew u premijiet f'festivals prestiġjużi. Il-kanzunetta 'It-Tbissima tal-Bambina' ġiet interpretata għall-ewwel darba minn ensemble ta' studenti mill-University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College waqt laqgħa li saret għall-irġiel fil-mużew tas-subien tan-Naxxar, il-Ħamis, 4 t'April, 2019. Il-kanzunetta, b'arranġament mużikali tiegħi, ġiet interpretata tajjeb mill-kantanta żagħżugħa Rachel Paris.




Dil-kanzunetta f'forma ta' talba tiftaħ fuq ton patrijottiku peress li r-raħal antik tan-Naxxar għandu l-Bambina bħala patruna tiegħu, u li din qiegħda konstament tħarsu mis-smewwiet. Min-naħa tagħhom, in-Naxxarin, devoti kbar tagħha, jirrikorru lejha fit-talb tagħhom kull darba li jiltaqgħu ma' xi saram f'ħajjithom. U hi, min-naħa tagħha, dejjem lesta biex tisma' u tilqa' talbhom b'sempliċi tbissima. Il-ħsieb ewlieni tal-poeżija jinsab kollu fir-ritornell: *F'dan il-Wied ta' tbatija* / *Imbikkma l-ulied, fil-mard jew bl-inkwiet* / *It-tbissima tal-Bambina* / *Tixgħel fina dawl ta' sliem* / *Fik naraw l-omm li tismagħna* / *Fik insibu ferħ bla tmiem*. Il-

versi huma sempliċi u mexxejja, f'idjoma pjuttost moderna, u li jħaddmu l-vers ottonarju, li bih soltu jitgħanna l-għana Malti.

Mużikalment, il-kanzunetta fiha 46 battuta, u tindaqq f'temp pjuttost moderat, akkumpanjata minn beat ħafif. Bħala kanzunetta standard hi tibda bis-soltu introduzzjoni strumentali kemxejn twila, fejn il-kompożitur jtiha l-importanza tagħha għax, apparti li hi sabiħa fiha nnifisha – l-aktar f'dawk li huma akkordji, għonja f'ilwienhom, u melodija b'ħafna sinkopat ġo fiha – hi intiża wkoll għal biex iddaħħal lis-semmiegħ fi spirtu devozzjonali. Imbagħad imiss l-istrofa, imqassma f'sentenzi mużikali li jikkorrespondu tajjeb maż-żewġ strofi tal-poeżija. Fir-ritornell, l-armonija hi aktar sempliċi, u bil-melodija toħroġ aktar fuqanija, speċjalment meta niġu għat-*Tbissima tal-Bambina*, u *Fik naraw l-omm li tismagħna*, fejn il-kisra tagħha hi bil-wisq sbejħa. Dan kollu jirrendih tassew tal-widna, filwaqt li jgħin 'il-kanzunetta tilħaq il-qofol tagħha. Minn hemm imbagħad, il-mużika terġa' tibda minn fuq nett, bl-introduzzjoni b'kollox. Fit-tieni volta l-mużika timmodula, u jerġa' jidħol ir-ritornell, did-darba ton 'il fuq.

***Stabat Mater***: Dax-xogħol għandu versi ta' Jacopone da Todi u mużika ta' Mro Carmelo Pace. L-*iStabat Mater* hi sekwenza[1] Rumana Kattolika tas-seklu tlettax, li bil-kitba ħiemda tagħha, tolqot il-qalb b'mewġa ħelwa ta' swied il-qalb.[2] Ħadet isimha mill-ewwel vers tagħha stess, 'Stabat mater dolorosa' (Wieqfa kienet imbikkija). Dal-innu tal-Knisja jimmedita fuq it-tbatija ta' Marija waqt it-tislib ta' binha Ġesù, u jitkanta fil-liturġija f'jum il-festa tad-Duluri. Ħafna jattribbwuh lil Jacopone da Todi, ofm (1228–1306), li daħal patri Franġiskan wara l-mewt ta' martu fl-1278; għex ħajja qaddisa. Bosta huma l-kompożituri magħrufin li mmużikaw dal-innu, fosthom Palestrina, Vivaldi, Scarlatti, il-missier u l-iben, Pergolesi, Haydn, Tartini, Rossini, Dvořák u Verdi. F'Malta wkoll, Mro Carmelo Pace (1906-93) ikkompona tlieta *Stabat Mater*, bl-ewwel waħda fl-1958 għall-kor a cappella, it-tieni waħda fl-1970, ukoll għal erba' vuċijiet misti u orgni, u l-oħra tal-1982. Aħna se nitkellmu fuq din tal-aħħar.

Mro Pace kiteb dil-*iStabat Mater* f'forma ta' Oratorjo[3] sena biss wara l-mewt ta' Rosa Quattrini-Buzzini, b'dedika 'l-Verġni Mqaddsa 'Madonna tal-Ward' li kienet dehritilha 55 sena ilu f'San Damiano, l-Italja. Il-partitura oriġinali kienet ingħatat rigal 'il-Papa Ġwanni Pawlu II mis-Sa Helene De Gabriele f'isem il-kompożitur fis-7 ta' Awwissu 1985.[4] Ix-xogħol indaqq għall-ewwel darba f'Ġunju tal-1982 ġewwa t-Teatru Manoel, u li taw sehemhom Catherine Gauci (Sopran), Andrew Sapiano (Tenur), Joesph Vella Bondin (Baxx), kif ukoll il-kor u l-orkestra tat-Teatru Manoel, taħt il-bakketta ta' Mro Joseph Sammut. Ix-xogħol fih introduzzjoni orkestrali u disa' movimenti, li b'kollox itulu madwar 50 minuta. Kif se naraw, dal-movimenti jagħtu opportunità, kemm lis-solisti, kif ukoll lill-koristi, biex isemmgħu leħinhom permezz tal-għanja sagra. It-test hu naturalment bil-Latin, fejn l-istrofi ta' tliet vrus il-waħda jammontaw għal 20 waħda.




L-ewwel moviment 'Stabat Mater Dolorosa' (Strofa 1: Wieqfa kienet imbikkija) hu għall-Baxx u kor *a cappella*, u li jispiċċa bi pianissimo ħelu. Dan jagħti għal fuq it-tieni wieħed 'Cujus Animam' (Strofa 2:

---

[1] Innu li jingħad jew jitgħanna waqt quddiesa wara l-Gradwal jew l-Alleluja qabel il-Vanġelu.
[2] 'Ward ta' Qari Malti', it-Tieni Ktieb, p. 41.
[3] Kompożizzjoni mużikali b'tema reliġjuża, speċi ta' talb fil-kant. (Martin Morana: Bejn Kliem u Storja) Il-librett ta' Vincenzo Maria Pellegrini huwa msejjes fuq il-profeziji u l-ġrajjiet li nsibu fit-Testment il-Qadim li jħabbru l-ħajja tal-Verġni Mqaddsa Marija, il-predestinazzjoni li tkun Omm Alla li kellu jiġi fid-dinja biex jifdi lill-bniedem mid-dnub oriġinali li wiret mingħand Adam u Eva. Il-kompożitur iqis dax-xogħol bħala l-kapolavur tiegħu (Laurence Mizzi: 'Mużiċisti mill-Qrib' [Horizons, 2017], p. 49).
[4] Skont il-kompożitur, dax-xogħol, li huwa jsejjaħlu Kantata, hu ddedikat 'il-Papa Ġwanni Pawlu II.

Kemm tbatija f'qalb muġugħa), f'forma ta' arja għas-Sopran, imsieħba dejjem mill-orkestra, u hu minsuġ b'sentiment mill-aktar drammatiku. It-tielet moviment 'Quis est Homo' (Strofa 5: Qalb kull bniedem tħoss għaliha) ukoll hu għall-Baxx, Kor u orkestra ta' organiku stil Klassiku, u li jiddeskrivi n-niket kbir  tal-Omm muġugħa. Fir-raba' moviment imbagħad, jidħol għall-ewwel darba t-Tenur ikanta l-'Pro Peccatis' (Strofa 7: Għad-dnubiet ta' ġensu ħati) li min-naħa tiegħu jinfexx f'waqtiet ta' tqanqil il-qalb mill-aktar espressivi. U hawn niġu għall-ħames moviment 'Eja, Mater' (Strofa 9: Omm u għajn ta' mħabba għalija) fejn għandna terzett, akkumpanjat mill-kor mist. Dan jiftaħ bid-daqq ta' vjolin waħdu, biex imbagħad, skont V.M. Pellegrini[5], 'jiżviluppa f'reċitattiv[6] mimli b'ispirazzjoni spiritwali tabilħaqq kommoventi'.



Wieqfa kienet imbikkija / l-Omm ħdejn binha fit-tbatija

Is-Sopran, flimkien mal-kor, terġa' tidħol fis-sitt moviment 'Sancta Mater' (Strofa 11: Omm qaddisa, isma' talbi), fejn it-tnejn jalternaw fi stil antifonali, u li fih insibu espressa tħeġġiġa mill-aktar ġenwina. Il-Baxx jerġa' jidħol ikanta fis-seba' moviment 'Fac ut Portem' (Strofa 16.1: Mewt Ġesù qegħidli quddiemi), introdott minn dwett pastorali bejn obwe u kornu, ta' xeħta sielma, segwit mill-kor bil-'Fac me tecum plangere' (Strofa 16.3: u l-passjoni tiegħu), li min-naħa tiegħu bħal donnu jġegħilna ngħollu ħarsitna 'l fuq lejn Kristu msallab fuq il-għuda tas-salib. It-tielet vers tal-istrofa 'Fac me plagis vulnerari' (Strofa 17.1: Ġegħelni nħoss il-pjaga fija) jiftaħ b'solo fuq il-kornu u jagħlaq b'pjanissimu bil-kelmiet 'Et cruore Filii' (Strofa 17.3: u nissaffa b'demmu). Minn daqshekk, dal-moviment f'żewġ taqsijmiet hu mogħni b'melodija li tixraq tassew il-kliem li jmiss il-qalb, u li minnu l-kompożitur tant ispira ruħu.

Fl-introduzzjoni għat-tmien moviment 'Flammis ne urar' (Strofa 18: Verġni mbierka, ieqaf miegħi) insibu motiv[7] li jqanqlek fuq il-flawt, u li fuqu t-Tenur jintona l-arja tiegħu b'mod glorjuż il-'Christe, Christe' (Strofa 19.1: O Ġesù, meta ssejjaħli) f'taqsima mmarkata 'Più mosso'. Meta mbagħad jirritorna l-Adagjo[8] tal-bidu, il-moviment jagħlaq b'motiv trijonfali fuq il-kelmiet 'Ad palmam Victoriæ' (Strofa 19.3: għall-premju ta' dejjem). U b'hekk naslu għall-aħħar moviment 'Quando Corpus', li m'għandniex xi ngħidu hu wieħed polifoniku bit-tħaddim tal-kontrapunt, fejn kulħadd jieħu sehem: Sopran, Tenur, Baxx u kor, imseħbin dejjem mill-orkestra. Hu jiftaħ bil-'Quando Corpus Morietur' (Strofa 20: meta jmut il-ġisem tagħna) min-naħa tal-Baxx; liema frażi, wara fanfarra fuq ir-ram, twassalna għas-'Sempiterna Sæcula, Amen', immarkata 'Fugato animato'[9], u kantata mis-solisti u l-kor f'daqqa. Dan kollu joħloq final tassew maestuż, li skont Pellegrini, 'jissimboleġġja t-titjira tar-ruħ sal-bibien tal-ġenna'.[10]

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Gudjani fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura.

---

[5] 'Espożizzjoni Dwar is-Surmast Carmelo Pace (1906-1993)' [Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta], Ħarġa Nru 20, Lulju, 1995 (Malta, 1995), p. 31.

[6] Tip ta' kant li joqrob lejn it-taħdit, u li nsibuh l-aktar f'xi Opra, Oratorjo, jew Kantata. Aktarx ikun akkumpanjat minn noti twal fuq strument bit-tastiera, jew grupp ta' strumenti, tan-nifs jew tal-korda, ġieli wkoll imħalltin it-tnejn f'daqqa, fl-unisonu bl-istess akkordju jew tnejn.

[7] Dak li bl-Ingliż insejħulu motif, u li hu magħmul minn ċellola armonika u/jew melodika u/jew ritmika, fejn in-noti, li jistgħu jkunu par jew aktar, imbasta b'ton differenti minn ta' xulxin, iridu jagħmlu sens mużikali. Motif tajjeb għandu jibqa' jingħaraf mill-istess noti li jsawruh. Ngħidu aħna, min ma jibqax jiftakarx il-motiv mill-iqsar possibli li bih tiftaħ it-tema ewlenija tal-Kwinta Sinfonija in Do Minuri ta' Beethoven? Naturalment, tema jista' jkun fiha wieħed, jew aktar, motivi msenslin, li bejniethom kapaċi joħolqu xi ftit ta' kuntrast komplementari wkoll.

[8] Temp fil-mużika li jindika daqq bil-mod.

[9] Temp maħrub, imgħaġġel u ħeġġieġi.

[10] *Ibid.* 3, p. 33.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)